MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2009

Numru 1351/2007

**PULIZIJA**
**SPETTUR ANN MARIE MICALLEF**
**VS**
**VINCENT AZZOPARDI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Vincent Azzopardi ta’ 39 sena, iben Spiridione u Antoinette nee’ Custo, imwieled Hamrun fit-13 ta’ Novembru 1967, residenti gewwa Flt 10, Ent A, Binja Msierah Ta’ Zwejt, San Gwann u detentur ta’ karta ta’ l-Identita’ bin-numru 481967(M)

Illi huwa akkuzat talli fil-20 ta’ Lulju 2007 ghal habta tas-23:40hrs, gewwa Rue D’Argen’s Msida, ikkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Marita Azzopardi u dan ai termini ta’ l-Artikolu 216 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali (a fol.14) u dak ta’ l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni jirrizulta illi waqt il-festa ta’ l-Imsida, l-imputat, li kien fis-**sakra,** u l-mara tieghu bdew jargumentaw u dan l-argument ddegenera fi glieda bl-imputat jaghti daqqa ta’ ponn f’wicc martu tant illi n-nies kellhom jifirduhom.

B’konsegwenza ta’ dan id-daqqa ta’ ponn il-kwerelanta spiccat b’ticrita fuq **il-parti ta’ gewwa** tax-xoffa li kienet testendi ghal parti zghira tax-xoffa minn barra liema ticrita kienet tirrikjedi hames (5) punti.

Dr. Maria Pisani rrilaxxat certifikat mediku Dok.M8 ta’ feriti ta’ natura gravi minhabba biza’ li tali cekatrici thalli sfregu fil-wicc.

Mix-xhieda ta’ l-istess Dr. Pisani li rat il-kwerelant fl-awla pero’ jirrizulta illi c-cikatrici fieqet kompletament minghajr ma halliet ebda marka illi ghaldaqstant il-griehi gew klassifikati bhala hfief. Il-mara ta’ l-imputat, di piu’, ghazlet li ma tixhidx kontra zewgha.

Illi ghaldaqstant il-Qorti tiddikjara l-provediment ezawrit.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------